MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011

Numru. 573/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Amabile Borg**
**Victor Pace**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Amabile Borg ta' 50 sena, bin Saverio u Catarina nee Azzopardi, imwieled Birkirkara fit-28 ta' Settembru, 1953, residenti f'Dar Patri Piju, Triq Anglu Mallia Birkirkara, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 723053(M) u lil imputat Victor Pace, ta' 40 sena, bin John u Helen nee' Micallef, imwieled Pieta fit-28 ta' Dicembru 1963, residenti fi Block M3, Flat 5, Bini tal-Gvern, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 83563(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

F'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Gunju 2004 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ircevew mingahnd xi haddiehor jew kisbu minghand xi haddiehor xi weghda li jinghataw, lilhom jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;

Lil Amabile Borg wahdu talli fl-istess cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm munizzjon fil-fond Dar Patri Piju, Triq Anglu Mallia, Birkirkara;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tissospendi lil Amabile Borg milli jzomm licenzja ta' l-armi u munizzjon ghal dak lil-perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq hekk kif provdut fil-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti kienet finalment gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' Lulju 2004 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2004 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza tieghu surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-26 ta’ Gunju 2004 il-Pulizija Ezekuttiva rceviet rapport mingahnd certu Godwin Schembri, il-kwerelant fil-proceduri odjerni, fejn huwa allega li fil-bidu tas-sena 2003 kien isellef is-somma ta’ Lm10,000 minghand l-imputati fil-kawza odjerna u kien hallas lura s-somma ta’ Lm18,000 bhala imghaxx fuq dan l-ammont minghajr ma qata’ xejn mill-kapital. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur f’dan il-kaz, l-Ispettur Angelo Gafa’, li xehed waqt l-udjenza tat-13 ta’ Settembru 2004, jirrizulta li fis-27 ta’ Gunju 2004 l-msemmi Godwin Schembri rega’ mar ghand il-Pulizija Ezekuttiva u rraporta li l-imputati kienu qed jhedduh sabiex ihallashom. Mill-provi rrizulta wkoll li l-Pulizija ghamlu tfittxija fid-djar rispettivi taz-zewg imputati u fir-residenza tal-imputat Amabile Borg sabu revolver tal-marka Welby u b-serial number 33901 ikkargat b’ sitt live rounds kif ukoll sitt live rounds ohra ta kalibru 32 (Dok. AG3) li ma kienux jaqblu mar-revolver (Dok. AG2) appena indikat. Mill-provi rrizulta li l-imputat Amabile Borg kellu biss licenzja sabiex izomm l-arma indikata[1] izda ma kellux l-licenzja sabiex izomm munizzjon.

Il-kwerelant Godwin Schembri xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-6 ta’ Gunju 2008 u dan wara li saru diversi tentattivi inutili sabiex huwa jigi rintraccjat u wara li huwa produca certifikat mediku rilaxxjat minn psikjatra li kien jghid li ma kienx f’posizzjoni li jixhed il-Qoti. Huwa qal li kien issielef is-somma ta’ Lm10,000 minghand l-imputat Victor Pace u kien ftiehem mieghu li jhallsu lura Lm1,000 fix-xahar u huwa produca diary[2] fejn hemm indikati l-ammonti li kien hallas liz-zewg imputati u qal li meta ma kienx jeffetwa xi pagament l-imputati kienu jmorru d-dar tieghu sabiex ihallas. Huwa spjega wkoll li kien hallas aktar ammonti minn dawk indikati fid-diary u qal li kien uza

[1] Ara xhieda ta’ WPC 126 Josianne Buttgieg a fol. 33 tal-atti processwali kif ukoll id-dokument minnha esebit inserit a fol. 35.
[2] Esebit a fol. 73 tal-atti processwali

il-flus li ssellef minghand l-imputat Victor Pace sabiex jixtri xi xoghol li imbaghad biegh lil certu Chris Drago.

Ikkunsidrat:

Illi z-zewg imputati t-tnejn irrilaxxjaw stqarrjiiet lil Pulizija[3] fejn Amabile Borg jghid li l-ko-akkuzat Victor Pace kien laqqghu ma’ Godwin Schembri u jispjega li fi tlett okkazzjonijiet huwa kien silef il-flus lil Pace sabiex dan jghaddihom lil Schembri. Huwa qal li l-ewwel darba kiwn silfu Lm3,500 u Schembri hallsu dan l-ammont lura wara ftit xhur u tah Lm600 bhala imghax, li Lm100 minnhom kien ghaddihom lilll-imputat Pace, it-tieni darba kien silfu Lm10,000 li minnhom hallsu lura Lm7,000 u kien ghad jonqsu jaghti Lm3,000 u imbaghad kien selfu Lm10,000 ohra. L-imputat Amabile Borg ghadda lil Pulizija skrittura datata 25 ta’ Marzu 2004 u inserita a fol. 23 fejn hemm indikat li l-imputat Victor Pace ghadda s-somma ta’ Lm13,000 lil Godwin Schembri liema ammont kellu jithallas lura fi zmien tnax-il xahar u bil-kunidzzjoni li jekk ghal xi raguni dan l-ammont ma jkunx jista’ jithallas lil Pace, Schembri kellu jhallas lil Amabile Borg. L-imputat Amabile Borg spjega li dan l-ammont ta’ Lm13,000 kien jinkludi s-somma ta’ Lm3,000 li kienet ghadha ma thallsitx minn fuq l-ewwel Lm10,000 u t-tieni Lm10,000 li kien silef lil Pace sabiex dan jghaddihom lil Schembri u qal li l-ftehim kien li Victor Pace ihallsu Lm2,000 fix-xahar ghall-ewwel tlett xhur u imbaghad ihallsu Lm1,000 fix-xahar. Huwa qabel li skond dan il-ftehim kien ser jigbor Lm5,000 imghax f’sena. Huwa qal izda li sa dik il-gurnata li rrilaxxja l-istqarrija kull ma kien gabar kien Lm4,000 mill-ammont ta’ Lm13,000. Huwa cahad li kien hedded lil Godwin Schembri u ammetta wkoll li gieli sellef xi ammonti ohra lil terzi. L-imputat Victor Pace min-naha l-ohra filwaqt li kkonferma dak li qal Amabile Borg dwar l-ammonti mislufa qal li s-self sar minn Borg lil Schembri u li huwa kien biss jigbor il-flus ghal Borg. Huwa kkonferma wkoll li kien jithallas minghand Borg meta jigbor il-flus. L-imputat Victor Pace meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta’ Marzu 2010 qal li l-ammont ta’ flus li kienu hadu hu u l-

[3] Inseriti a fol. 20 sa 29 tal-atti processwali.

imputat l-iehor minghand Schembri kien jikkonsisti fi qliegh fuq l-ammont li Borg kien ghaddielu sabiex jimporta l-electronics minn Dubai. Huwa qal ukoll li kien jigbor il-pagamenti ghal Borg peress li dan tal-ahhar ma tantx kien johrog mid-dar minhabba ragunijiet ta’ sahha.

Ikkunsidrat:

Irid jinghad mal-ewwel li l-Qorti thoss li ma tistghax tistrieh fuq ix-xhieda moghtija mill-kwerelant Godwin Schembri kemm minhabba l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda, kemm minhabba l-inkonsistenzi bejn dak li qal meta ghamel ir-rapport fejn indika li kien issellef il-flus minghand l-imputat Amabile Borg mentri meta xehed f’dawn il-proceduri qal li l-flus kien issellifhom minghand l-imputat Victor Pace, kif ukoll minhabba dak li rrizulta mix-xhieda tas-Supretendent Sandro Gatt li xehed waqt l-udjena tat-18 ta’ Novembru 2010 minn fejn irrizulta li l-imsemmi Godwin Schembri li kien qed jipprova jghaddi lilu nnifsu bhala bniedem li minhabba l-istat konfuzjonarju li kien jinsab fih ma kienx f’posizzjoni li jixhed il-Qorti kien gie osservat mill-imsemmi xhud f’komportamenti assolutament normali, isuq il-vettura tieghu u jbiegh l-affarijiet mill-istess vettura. Dawn il-fatturi kollha ovvjament ixejnu mhux ftit il-kredibilta’ ta’ dan ix-xhud izda apparti kollox jinghad li meta xehed f’dawn il-proceduri Godwin Schembri ma produciex informazzjoni cara u skjetta dwar kemm effettivament huwa hallas liz-zewg imputati jew lil wiehed minnhom.

Ikkunsidrat;

Illi l-Ufficjal Prosekutur meta ghamel it-trattazzjoni finali b’lejalta’ kbira ukoll issottometta li anki hu kellu dubji serji dwar il-kredibilita’ tal-kwerelant izda sostna li l-imputazzjoni ta’ uzura li biha jinsabu akkuzati z-zewg imputati tirrizulta pruvata minn dak li qalu l-imputati fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati fejn huma ammettew li kien gie mifehem li jithallsu imghax oghla minn dak konsentit mill-ligi. Il-Qorti abbazi tal-izviluppi kostituzzjonali recenti jidrilha li ghal finijiet ta’ sejbien ta’ htija ma tistghax tiehu in konsiderazzjoni dak li qalu l-imputati fl-istqarrijiet minnhom

rilaxxjati peress li huma qabel ma rrilaxxjaw l-istess stqarrija ma nghatawx l-opportunita’ li jikkonsultaw ma avukat u dan tenut kont li din hija l-unika prova li l-Prosekuzzjoni ghandha fil-konfronti taghhom.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputazzjoni ta’ uzura ma tistghax titqies li tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfronti tal-imputati.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Amabile Borg wahdu jinsab ukoll addebitat bl-imputazzjoni li zamm munizzjon fil-fond Padre Pio, Triq Anglu Mallia, Birkirkara minghajr id-debita licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti jidirilha li din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata ghaliex mill-provi emerga li tali munizzjon instabet fl-imsemmi fond li huwa r-residenza tal-imputat u mix-xhieda ta’ WPC 126 irrizulta li l-imputat kellu licenzja biss sabiex izomm arma tan-nar izda mhux munizzjon.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat Victor Pace mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

Wara li rat l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib llil-imputat Amabile Borg hati tat-tieni(2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ erba’ mitt ewro (€400). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Amabile Borg mhux hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minn din l-imputazzjoni.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-munizzjon immarkat bhala Dok. AG3 esebit waqt l-udjenza tat-13 ta’ Settembru 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------